MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2010

Appell Kriminali Numru. 216/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Elliott James Fenech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Elliott James Fenech talli fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Novembru 2006 u matul is-sentejn qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer:

(1) kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-

Medicini Avviz Legali 22 ta’ l-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu eskluzziv tieghu;

(2) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta’ l-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-imsemmi Elliott James Fenech ihallas l-ispejejz li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Gunju 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(f) tal-Kap. 9, l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101, ir-regolament 3(1) ta’ l-Avviz legali 22 ta’ l-1985, u l-artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120(2)(b)(i)(ii) tal-Kap. 31, sabet lill-imsemmi Elliott James Fenech hati taz-zewg imputazzjonijiet u kkundannat lill-imsemmi Elliot James Fenech ghal piena ta’ prigunerija ta’ tmintax-il xahar u ghall-hlas ta’ multa ta’ elf u mitejn euro (€1200) li jistghu jithallsu bir-rata ta’ €100 fix-xahar bl-ewwel pagament isehh fi zmien erba’ gimghat mid-data tas-sentenza, u jekk xi parti tal-multa ma tithallasx, din tinbidel f’jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux. Ai termini ta’ l-artikolu 533 tal-Kap. 9, ordnat wkoll li jhallas l-ispejjez ta’ l-esperti kalkolati hekk: (a) nofs l-ispejjez ta’ l-espert is-Sur Godwin Sammut fl-ammont ta’ €321.25, nofs l-ispejjez tal-fotografija fl-ammont ta’ €25.04 u l-ispejjez ta’ l-espert Martin Bajada fl-ammont ta’ €233.41, total ghalhekk ta’ €579.70. Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Elliott James Fenech pprezentat fid-9 ta’ Lulju, 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tibdel u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu nstab hati tat-tieni imputazzjoni u tirrevokaha u thassarha kwantu nstab hati ta’ l-ewwel imputazzjoni, cioe` l-pussess aggravat tal-pilloli ecstasy, billi tilliberah

minn kull imputazzjoni u piena ta’ dan l-imsemmi reat u minflok issibu hati ta’ pussess semplici tal-istess imsemmija pilloli ecstasy u tikkundannah ghal piena ekwa, miti u gusta ghal dawn ir-reati cioe` ta’ pussess semplici ta’ pilloli ecstasy u ta’ pussess semplici tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju principali ta’ l-appellant jirrigwarda s-sejbien ta’ htija tieghu dwar l-ewwel imputazzjoni, u cioe` l-“pussess aggravat”. Huwa jammetti l-pussess semplici izda mhux dak “aggravat”. Jghid li l-provi tal-prosekuzzjoni f’dar-rigward jippernjaw fuq ic-cirkostanza ta’ l-ammont ta’ pilloli, u cioe` l-inferenza li l-ammont misjub ma setax ikun ghall-uzu personali tieghu. L-appellant cahad mill-ewwel li l-150 pillola kienu ntizi ghal haddiehor, u din il-prova tikkontradici l-inferenza msemmija. L-appellant jissottometti illi li wiehed jahzen ghalih meta jsib prezz tajjeb hija haga probabbli u hija fin-natura tal-bniedem li jaghmel hekk. Josserva wkoll illi ma hemm l-ebda cirkostanza ohra li tista’ b’xi mod issahhah l-inferenza tal-prosekuzzjoni. Sahansitra mir-relazzjoni ta’ Martin Bajada jirrizulta n-nuqqas assolut ta’ *smses* jew telefonati li setghu saru biex wiehed jassoda l-inferenza li dawn il-pilloli kienu ghal haddiehor. L-ewwel Qorti, ikompli l-appellant, waslet ghall-konkluzjoni taghha peress illi ma emmnitx illi persuna tista’ tiehu hmistax-il pillola ecstasy f’gurnata wahda. Tali konkluzjoni, isostni l-appellant, ma kienet konfortata minn ebda prova xjentifika li tista’ turi fil-grad tac-certezza morali dak li kienet qieghda tirritjeni l-Qorti; ghalhekk il-konkluzjoni tal-Qorti hi biss wahda gratuwita u li tista’ twassal ghal kongettura. Imbaghad ir-rapport ta’ l-espert forensiku ma jindikax il-livell ta’ purita` tal-pilloli. Skond l-appellant, fuq bazi ta’ probabbilita`, wiehed jista’ jasal ghall-konkluzjoni illi l-pilloli li kien qed jiehu l-appellant kienu ta’ kwalita` inferjuri u ghalhekk seta’ kien qed jiehu aktar pero` bla effett massimu. L-appellant

josserva wkoll illi l-ewwel Qorti ma qisitx il-fatt li huwa kien ghaddej minn depressjoni fejn kien qed jara l-hajja b'certa pessimizmu. Min ikun hekk influwenzat psikoligikament ghalhekk ikollu aktar tendenza li jzid il-vizzju tieghu. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appellant jinsisti illi l-provi tal-prosekuzzjoni ma jwasslux ghall-htija tar-reat imsemmi fl-ewwel imputazzjoni izda ghar-reat kompriz u involut ta' pussess semplici ta' l-ecstasy.

Dan kollu jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: The Republic of Malta v. Steven John LewisMarsden, 2 ta' Novembru 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Giosue` Gauci, 28 ta' Dicembru 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Nader Abdulaziz Elgerian et, 28 ta' Dicembru 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi migjuba quddiem l-ewwel Qorti u ezaminat il-*pre-sentencing investigation report* imhejji mill-ufficjal anzjana tal-*probation* Mariella Camilleri. L-appellant jghid illi l-ewwel Qorti jmissha accettat dak li qal lill-Pulizija fl-istqarrija tieghu illi l-pilloli in kwistjoni kienu ghall-uzu tieghu personali. Skond l-appellant, kellha wkoll temmnu meta fl-istess stqarrija qal li kien jiehu hafna meta johrog, "gieli anke 15 u 20 f'lejl wiehed". Mill-*pre-sentencing investigation report* jirrizulta li anke lill-ufficjal tal-*probation* qallha li gieli ha ma' l-ghoxrin pillola ecstasy f'lejl.

L-ewwel Qorti kkummentat hekk fuq dak li kien qieghed jasserixxi l-appellant:

**"Bir-rispett kollu, il-Qorti mhix qed temmen li kien xtara din il-kwantita` ta' ecstasy ghalih innifsu u l-mod kif intuzat din l-espressjoni fl-istqarrija jidher li l-imputat, galadarba nqabad b'daqshekk ecstasy, ried jibni l-hajt tad-difiza tieghu.**

**"Dan il-Qorti tkompli tikkonfermah b'dak li qal li kien jiehu 15 jew 20 f'lejl wiehed. Din hija nuqqas ta' verita` ohra ghaliex impossibbli li wiehed jiehu dak in-numru ta' ecstasy u jibqa' fuq saqajh. Dan in-numru intiz konvenjentement biex jipprova jipperswadi lill-prosekuturi li l-pilloli kienu ghalih biss."**

Din il-Qorti taqbel li difficilment jista' jitqies verosimili li persuna tuza bejn hmistax u ghoxrin pillola ecstasy f'lejl wiehed. Huwa veru illi l-espert forensiku ma ezaminax il-purita` tal-pilloli elevati minn fuq l-appellant. Huwa veru wkoll illi, bhal sustanzi ohra, l-uzu regolari jwassal ghal tolleranza akbar tal-gisem ghal dik is-sustanza li tkun qed tigi ingerita. Izda t-tolleranza ghal xi sustanza ma tigix minn uzu taghha fi tmiem il-gimgha biss izda minn uzu regolari u gornaljer.[2] Ukoll difficilment jista' jitwemmen illi

[2] Ara http://news.bbc.co.uk/2/hi/health/4874938.stm: "Doctors have revealed details of the biggest recorded user of ecstasy - a man estimated to have taken 40,000 ecstasy pills in his life. At the height of his use, the man - known as "Mr A" - was taking 25 tablets a day, Psychosomatics journal revealed. The 37-year-old still had trouble with short-term

l-appellant kien juza dawk l-ammonti fi tmiem il-gimgha biss minghajr ma jkun hemm konsegwenzi aktar serji fuq sahhtu ghajr li nhar ta' Tnejn, bhalma jixhed missier l-appellant, ma jmurx ghax-xoghol u meta jmur ikun nofsu rieqed.[3] L-appellant ma jghid xejn fl-istqarrija tieghu u lanqas ma jirrizulta li qal xejn lill-ufficjal tal-*probation* dwar xi sintomi partikolari li kien ihoss. Imbaghad, nonostante illi l-appellant inghata l-ghajnuna mill-Fondazzjoni OASI u effettivament segwa t-terapija opportuna, ma saret l-ebda referenza mid-Direttur ta' dik il-Fondazzjoni ghall-allegat uzu eccessiv ta' ecstasy.

Ghalhekk l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkonkludi li l-pilloli li kellu l-appellant fil-pussess tieghu ma kinux ghall-uzu esklussiv tieghu. U, wara kollox, filwaqt illi fuqu kellu mitejn pillola ecstasy mqassmin f'zewg pakketti ta' mitt pillola kull pakkett, l-appellant stess jiddikjara li hamsin pillola ma kinux tieghu izda kienu ta' siehbu David John Buttigieg li mieghu kien nizel Malta sabiex jixtru l-ecstasy u li fuqu, cioe` fuq Buttigieg, il-Pulizija sabu wkoll mitejn pillola ohra ecstasy.

Konsegwentement l-aggravju ta' l-appellant fil-mertu qieghed jigi michud.

Kwantu ghall-piena, is-sentenza nflitta mill-ewwel Qorti hi certament fil-parametri tal-ligi. Pero`, in vista tal-progress kbir li l-appellant ghamel fi hdan il-Fondazzjoni OASI, id-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin jista' jikkunsidra li jirreferi lill-appellant lil dik il-Fondazzjoni ghall-kontinwazzjoni tat-terapija.

---

memory problems seven years after he stopped taking the drug. Doctors at St George's Hospital, London said Mr A's case was extreme, but showed ecstasy's long-term effects. The doctors said it was the largest reported ecstasy lifetime consumption by one person, the previous being around 2,000 tablets. Writing in Psychosomatics, they say Mr A reported he had used ecstasy between the ages of 21 and 30. For two years, he took five tablets every weekend, rising to an average of 3.5 tablets per day for the next three years, then soaring to 25 tablets a day over the next four years." Dwar l-effetti ta' l-ecstasy ara, per ezempju, http://www.thegooddrugsguide.com/ecstasy/effects.htm.

[3] Dwar is-sintomi ta' l-ecstasy ara, per ezempju, http://www.wrongdiagnosis.com/e/ecstasy/symptoms.htm.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi l-perijodu ghall-hlas tal-multa jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------